DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1094

tal-5 ta' Ġunju 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tal-Unjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ il-miżuri restrittivi tagħha kontra r-Russja.

(4) Il-Kunsill evalwa li teżisti relazzjoni ta' benefiċċju u appoġġ reċiproċi bejn il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja. B'mod partikolari, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa sistematikament ippermetta lil negozjanti prominenti Russi jakkumulaw il-ġid tagħhom permezz tal-isfruttament ta' riżorsi naturali u riżorsi pubbliċi oħra. Il-Kunsill iqis, fid-dawl ta' din ir-relazzjoni ta' interdipendenza bejn negozjanti ewlenin u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li l-kriterji ta' dożinjazzjoni jenħtieġ li jkopru negozjanti ewlenin li joperaw fi kwalunkwe settur ekonomiku tar-Russja. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-kriterji ta' dożinjazzjoni jenħtieġ li jiġu estiżi sabiex jippermettu l-elenkar kif opportun ta' negozjanti oħra li huma involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, sabiex tiżdied il-pressjoni fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa biex itemm il-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna.

(5) Il-Kunsill evalwa wkoll li negozjanti ewlenin Russi involvew ruħhom fi prattika sistematika fejn spiss iqassmu l-fondi u l-assi tagħhom fost il-membri immedjati tal-familja tagħhom u persuni oħra sabiex jaħbu l-assi tagħhom, jevitaw il-miżuri restrittivi u jżommu kontroll fuq ir-riżorsi disponibbli għalihom. Għalhekk, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-membri immedjati tal-familja jew persuni fiżiċi oħra, li jibbenefikaw b'dan il-mod minn negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja, jiġu ddożinjati wkoll kif xieraq, kemm sabiex tiżdied il-pressjoni fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa biex itemm il-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna kif ukoll sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi.

(6) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(7) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja u l-membri tal-familja immedjati tagħhom, jew persuni fiżiċi oħra, li jibbenefikaw minnhom, jew negozjanti involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew";

(2) fl-Artikolu 2(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja u l-membri tal-familja immedjati tagħhom, jew persuni fiżiċi oħra, li jibbenefikaw minnhom, jew negozjanti, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL